MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 155/2006

**Time International (Sport) Limited (C 32438)**

**VS**

**Agius Jewellers Limited (C 21887)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors gumentat** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ppremettiet illi:

Illi in forza ta' skrittura datata 12 ta' Dicembru, 2005 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument A is-socjeta' intimata obbligat ruhha illi thallas lis-socjeta' esponenti s-somma ta' sebat elef tlett mija u disgha u tletin lira ta' Malta u disgha u sebghin centezmu

(Lm7,339.79) prezz ta’ merci lilha mibjugha u konsenjati f’rati settimali ta’ mitt lira (Lm100) – il-wahda l-ewwel pagament dovut fid-19 ta’ Dicembru, 2005.

Illi a tenur tal-klawsola erbgha (4) tal-precitata skrittura gie miftiehem bejn il-partijiet illi fil-kaz illi s-socjeta’ intimata tkun moruza fil-hlas ta’ tlett (3) pagamenti jew parti minnhom u tibqa’ hekk moruza ghall-zmien hmistax (15) il-gurnata mid-data illi kellu jigi effettwat il-pagament l-istess socjeta’ intimata titlef il-beneficcju tat-terminu ‘ipso iure’ u allura s-socjeta’ rikorrenti jkollha d-dritt illi tesigi l-hlas tal-bilanc kollu allura dovut oltre l-imghaxijiet.

Illi s-socjeta’ intimata effetwat zewg pagamenti biss u cioe’ fid-19 u 26 ta’ Dicmbru, 2005 ammontanti ghall-mitejn lira ta’ Malta (Lm200) u bhala rizultat titlef il-beneficcju tat-terminu lilha koncess u s-socjeta’ rikorrenti ghandha d-dritt illi tesigi l-bilanc kollu dovut flimkien mal-imghxijiet a tenur tal-klawsola numru 4 tal-iskrittura.

Illi s-socjeta’ rikorrenti ghalhekk illum tinsab kreditrici tas-socjeta’ intimata fis-somma ta’ sebat elef mija u disgha u tletin lira ta’ Malta u disgha u sebghin centezmu (Lm7,139.79) flimkien mal-imghax tal-hamsa fil-mija (5%) fis-sena dekorribbli mis-26 ta’ Dicembru, 2005 il-gurnata li fiha sar l-ahhar pagament.

Illi kull sforz da parti tas-socjeta’ rikorrenti biex totjeni il-hlas tal-ammont lilha dovut baqa’ bla ezitu posittiv.

Illi dan d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta’ intimata ma ghandhiex risposta x’taghti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi dina l-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Taqta’ u tiddecidi r-rikors a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ bid-dispensa tas-smiegh;

2. tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallasha s-somma ta’ sebat elef mja u disgha u tletin lira ta’ Malta u disgha u sebghin centezmu (Lm7,139.79) dovuti kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali bil-hamsa fil-mija (5%) fis-sena dkorribbli mis-26 ta’ Dicembru, 2005 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ intimata ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ intimata it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ intimata tiddecidi billi t-tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------